



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2011/0436(APP)**

16.11.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020  
(COM(2011)0884 – C7 – 2011/0436(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Barbara Matera

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### Kuntest

Fil-proposta tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) l-ġdid, il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa li jitkompla l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" 2007-2013. Fl-ewwel ġenerazzjoni tiegħu, il-programm wera l-ħtieġa li jiżdied il-fehim taċ-ċittadini dwar l-istorja u l-orijini tal-UE u l-għarfien tagħhom dwar il-proġett tal-UE. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jagħmel pass kbir sabiex l-Unjoni titressaq aktar qrib iċ-ċittadini tagħha u sabiex jitrawwem dibattitu transkonfinali akbar dwar kwistjonijiet relatati mal-politiki tal-UE (l-Inizjattiva taċ-Ċittadini li ġiet introdotta reċentament hija biss parti minn dan il-proċess). Il-Kummissjoni tipproponi li tibni l-kapaċità għall-parteciċipazzjoni ċivika. Il-programm se jibni fuq l-analiżi tal-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tal-programm attwali. Għandu l-għan li jindirizza l-ħtieġa ta' dibattiti aktar ġenwini dwar kwistjonijiet relatati mal-Unjoni fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali u, permezz ta' sett wiesa' ta' organizzazzjonijiet, li jilħaq grupp kbir ta' ċittadini li normalment ma jfittxux li jinfluwenzaw jew jieħdu sehem fl-affarijiet tal-Unjoni.

### Baġit

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2014-2020 tipprevedi li se jiġu allokati **EUR 229 miljun fi prezzijiet attwali** għall-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini", meta mqabbla ma' **EUR 215 miljun** fil-QFP attwali. Ir-Rapporteur hija tal-fehma li dan huwa ammont minimu neċessarju (f'konformità mal-inflazzjoni annwali) għat-trawwim ta' objettivi importanti bħaċ-ċittadinanza u l-kommemorazzjoni tal-istorja Ewropea, u idealment il-baġit għandu jiżdied b'bejn 5 u 10 %. Ir-Rapporteur temmen li l-qsim tal-fondi bejn it-tliet linji għandu jkun inkluż fit-test tal-proposta leġiżlattiva. Biex jiġu żgurati l-flessibbiltà u l-aċċessibbiltà akbar tal-Programm għal gruppi iżgħar ta' ċittadini, għandhom jiġu inklużi referenzi u salvagwardji xierqa.

### Objettivi

Il-programm għandu l-għan li jsaħħaħ il-kommemorazzjoni tal-istorja u jżid il-kapaċità għall-parteciċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni. B'mod aktar speċifiku, il-programm għandu jkollu ċerti objettivi speċifiċi, li għandhom jiġu implimentati permezz ta' azzjonijiet flivell transnazzjonali jew b'dimensjoni Ewropea ċara:

- iqajjem kuxjenza dwar il-kommemorazzjoni tal-istorja tal-Unjoni, l-identità u l-għan tal-Unjoni billi jstimula dibattitu, riflessjoni u netwerking;
- jinkoraġġixxi l-parteciċipazzjoni demokratika u ċivika taċ-ċittadini fil-livell tal-Unjoni, billi jiżviluppa l-fehim taċ-ċittadini dwar il-proċess tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni u l-promozzjoni ta' opportunitajiet għall-involvement tas-soċjetà u l-volontarjat fil-livell tal-Unjoni.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1a (ġdid)

*Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva*

*Emenda*

***1a. Jirrimarka li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġiżlattiva hu biss indikazzjoni lill-awtorità leġiżlattiva u ma jistax jiġi stabbilit sakemm jintlaħaq qbil rigward il-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020;***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Iċ-ċifri fil-bażijiet legali tematiċi ma jistgħux jitqiesu bħala finali, waqt li jkunu għadhom għaddejjin in-negozjati dwar il-QFP, skont il-prinċipju "xejn mhu deċiż, sakemm jiġi deċiż kollox".*

### Emenda 2

#### Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1b (ġdid)

*Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva*

*Emenda*

***1b. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva<sup>1</sup>; itenni li jinħtieġu riżorsi addizzjonali suffiċjenti fil-QFP li jmiss sabiex l-Unjoni tkun tista' tilħaq il-prijoritajiet eżistenti tal-politika tagħha u twettaq il-kompiti l-ġodda previsti mit-Trattat ta' Lisbona, kif ukoll sabiex tirreaġixxi għal sitwazzjonijiet mhux mistennija; jisfida lill-Kunsill, f'każ li ma jaqbilx ma' dan l-approċċ, jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet politiċi***

*jew mill-proġetti tiegħu jista' jiġu  
abbandunati totalment, minkejja l-  
garanzija ta' valur miżjud Ewropew  
tagħhom; jindika li anke b'żieda ta' 5 %  
fil-livell tar-riżorsi għall-QFP li jmiss  
meta mqabbel mal-livell tal-2013, tkun  
tista' ssir biss kontribuzzjoni limitata  
għall-ilħiq tal-objettivi u l-impenji  
miftiehma tal-Unjoni u għall-prinċipju  
tas-solidarjetà tal-Unjoni;*

---

<sup>1</sup> *Testi adottati, P7\_TA(2011)0266.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Jekk il-Kunsill inaqqas l-ammonti tal-QFP, il-PE jhegħgu jidentifika "prijoritajiet negattivi" minkejja l-valur miżjud ippruvat tagħhom u l-kompiti ġodda li l-Unjoni trid twettaq wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.*

## **Emenda 3**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 10**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-integrazzjoni bbilanċjata taċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-Istati Membri kollha fi proġetti u attivitajiet transnazzjonali, b'kunsiderazzjoni tal-karattru multilingwali tal-UE.

##### *Emenda*

(10) Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-integrazzjoni bbilanċjata taċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-Istati Membri kollha fi proġetti u attivitajiet transnazzjonali, b'kunsiderazzjoni tal-karattru multilingwali tal-UE. ***L-aċċess għall-Programm, b'mod partikolari, għandu jingħata lil proġetti żgħar u ta' daqs medju, u ma jkunx limitat għal proġetti kbar biss, biex jiġu żgurati l-flessibbiltà akbar u l-aċċessibbiltà mtejba tal-Programm għaċ-ċittadini tal-Unjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li l-proċeduri amministrattivi u finanzjarji jiġu ssimplifikati.***

## Ġustifikazzjoni

*L-emenda għandha l-għan li ttejjeb l-aċċessibbiltà u l-flessibbiltà tal-Programm għaċ-ċittadini Ewropej u għall-gruppi taċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll is-simplifikazzjoni tal-piż amministrattiv.*

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 12

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għat-tul kollu tal-Programm, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza **ewlenija**, fis-sens tal-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-XX/YY/201Y bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali.

###### *Emenda*

(12) Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għat-tul kollu tal-Programm, pakkett finanzjarju **indikattiv** li jikkostitwixxi r-referenza **finanzjarja**, fis-sens tal-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-XX/YY/201Y bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali.

## Ġustifikazzjoni

*Tagħmel il-premessa konformi mal-Artikolu 12, paragrafu 1.*

### Emenda 5

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 16

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Se tingħata preferenza lil għotjiet għal proġetti b'impatt kbir, b'mod partikolari dawk li huma direttament marbuta mal-politiki tal-UE bil-għan li jipparteċipaw fit-tfassil tal-aġenda politika tal-UE. Barra minn hekk, skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda, l-implimentazzjoni tal-programm għandha tiġi ssimplifikata aktar permezz tal-użu ta' somom f'daqqa, ta' finanzjament b'rata fissa u l-applikazzjoni

###### *Emenda*

(16) Se tingħata preferenza lil għotjiet għal proġetti b'impatt kbir, **mingħajr preġudizzju għad-daqs tal-proġett jew id-daqs tal-baġit**, b'mod partikolari dawk li huma direttament marbuta mal-politiki tal-UE bil-għan li jipparteċipaw fit-tfassil tal-aġenda politika tal-UE. Barra minn hekk, skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda, l-implimentazzjoni tal-programm għandha tiġi ssimplifikata aktar permezz tal-użu ta' somom f'daqqa, ta' finanzjament

ta' rati ta' prezz tal-unità.

b' rata fissa u l-applikazzjoni ta' rati ta' prezz tal-unità.

### *Ġustifikazzjoni*

*Id-daqs tal-proġett jew il-benefiċjarju m'għandhomx ikunu fattur deċiżiv fl-għoti ta' għotjiet; il-fattur deċiżiv huwa l-impatt fuq il-promozzjoni ta' ċittadinanza Ewropea.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-programm għandu jikkonsisti fiż-żewġ linji li ġejjin: (a) "Il-kommemorazzjoni tal-istorja tal-Unjoni u ċ-ċittadinanza Ewropea" (b) "L-involviment demokratiku u l-parteċipazzjoni ċivika". Iż-żewġ linji għandhom jiġu kkumplimentati minn azzjonijiet orizzontali għall-analiżi, disseminazzjoni u sfruttament tar-riżultati tal-proġett (**azzjonijiet ta' "Valorizzazzjoni"**).

#### *Emenda*

1. Il-programm għandu jikkonsisti fiż-żewġ linji li ġejjin: (a) "Il-kommemorazzjoni tal-istorja tal-Unjoni u ċ-ċittadinanza Ewropea" (b) "L-involviment demokratiku u l-parteċipazzjoni ċivika". Iż-żewġ linji għandhom jiġu kkumplimentati minn azzjonijiet orizzontali għall-analiżi, id-disseminazzjoni u l-isfruttament tar-riżultati tal-proġett.

### *Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "valorisation" ma jinftiehemx f'Ingliz Standard.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-programm għandu jkun miftuħ għall-partijiet interessati kollha li jippromwovu l-integrazzjoni Ewropea, b'mod partikolari awtoritajiet u organizzazzjonijiet lokali partikolari, organizzazzjonijiet ta' riċerka tal-politika pubblika Ewropea (gruppi ta' riflessjoni), gruppi ta-ċittadini u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili (bħall-assoċjazzjonijiet tas-superstiti), u l-

#### *Emenda*

Il-programm għandu jkun miftuħ għall-partijiet interessati kollha li jippromwovu l-integrazzjoni Ewropea, **mingħajr preġudizzju għad-daqs tagħhom iżda filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-ġenerazzjoni żagħżuġha**, b'mod partikolari awtoritajiet u organizzazzjonijiet lokali partikolari, organizzazzjonijiet ta' riċerka tal-politika

istituzzjonijiet edukattivi u tar-riċerka.

pubblika Ewropea (gruppi ta' riflessjoni), gruppi ta-ċittadini u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili (bħall-assoċjazzjonijiet tas-superstiti), u l-istituzzjonijiet edukattivi u tar-riċerka.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Programm m'għandux ikun limitat biss għal proġetti kbar jew assoċjazzjonijiet kbar. Għabdha tingħata attenzjoni partikolari liż-żgħażaġh.*

### **Emenda 8**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. ***Il-pakkett finanzjarju*** għall-implimentazzjoni tal-programm għandu jkun ta' *EUR229 miljun*.

##### *Emenda*

1. ***Fis-sens tal-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tal-XXX/YYY dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja soda, l-ammont ta' referenza finanzjarja*** għall-implimentazzjoni tal-programm għandu jkun ta' *EUR 229 miljun. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Enfasizzar tal-irwol tal-awtorità baġitarja.*

### **Emenda 9**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***2a. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet annwali disponibbli mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill li jstabilixxi l-qafas finanzjarju***



*pluriennali għas-snin bejn l-2014 u l-2020  
u l-Ftehim Interistituzzjonali ta' xxx/201z  
bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-  
Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi  
kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni  
finanzjarja soda.*

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	15.11.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 27 -: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Zuzana Brzobohatá, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, George Lyon, Barbara Matera, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, Derek Vaughan
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	François Alfonsi, Maria Da Graça Carvalho, Jürgen Klute, Peter Šťastný, Georgios Stavrakakis, Nils Torvalds